

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Rikonossiment reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili
Rikonossiment reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

Ċipru

Artikolu 17 - Informazzjoni magħmula aċċessibbli għall-pubbliku

L-Artikolu 32 tal-Liġi dwar il-Qrati tal-Ġustizzja, Liġi Nru 14/60, jistipula li kull qorti fl-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni ċivili tagħha tista' tagħti ordni ta' inibizzjoni (interlokutorju, perpetwu jew mandatarju).

Skont l-Artikolu 16 tal-Liġi dwar il-Qrati tal-Familja, il-Liġi Nru 23/90, il-qrati tal-familja għandhom l-istess poteri.

Artikolu 18 (a)(i) - l-awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu 0-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 5

L-awtorità kompetenti biex tordna miżuri ta' protezzjoni hija l-qorti distrettwali (*Eparchiakó Dikastírio tis Dimokratías*) tad-distrett li fih ir-rikorrent iġix jew għandu s-soġġorn tiegħu fiż-żmien inkwistjoni.

Fil-każ ta' kontroversja taħt il-liġi tal-familja, l-awtorità kompetenti hija l-qorti tal-familja (*Oikogeneiakó Dikastírio tis Dimokratías*) tad-distrett li fih ir-rikorrent jew il-konvenut iġix jew għandu s-soġġorn tiegħu fiż-żmien inkwistjoni. Jekk il-kontroversja tirrigwarda minuri, ikollha ġuriżdizzjoni il-qorti tal-familja tad-distrett fejn ikun instab il-minuri.

L-awtorità kompetenti biex toħroġ ċertifikati hija l-qorti distrettwali jew il-qorti tal-familja li tkun ordnat il-miżura ta' protezzjoni.

Artikolu 18 (a)(ii) - l-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura ta' protezzjoni ordnata fi Stati Membruieħor u/jew li huma kompetenti biex jeżegwixxu tali miżura

L-awtorità li quddiemha miżura protettiva tkun tista' titqajjem:

Fil-każijiet kollha, l-awtorità kompetenti hija l-qorti distrettwali tad-distrett fejn tkun iċċaqalqet b'mod permanenti jew temporanju l-persuna li kkawżat ir-riskju.

Jekk l-indirizz mhuwiex magħruf, l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Distrettwali ta' Nikosija.

L-awtorità kompetenti biex teżegwixxi t-tali miżura:

Fil-każijiet kollha, l-awtorità kompetenti hija l-qorti distrettwali tad-distrett fejn tkun iċċaqalqet b'mod permanenti jew temporanju l-persuna li kkawżat ir-riskju.

Jekk l-indirizz mhuwiex magħruf, l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Distrettwali ta' Nikosija.

Artikolu 18 (a)(iii) - l-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jagħmlu l-aġġustament tal-miżuri ta' protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(1)

Fil-każijiet kollha, l-awtorità kompetenti hija l-qorti distrettwali tad-distrett fejn tkun iċċaqalqet b'mod permanenti jew temporanju l-persuna li kkawżat ir-riskju.

Jekk l-indirizz mhuwiex magħruf, l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Distrettwali ta' Nikosija.

Artikolu 18 (a)(iv) - il-qrati li lillhom ir-rikors għal rifjut tar-rikonossiment u, fejn applikabbli, tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 13

Qorti li quddiemha jrid jitressaq rikors għal 0aħda tar-rikonossiment:

Il-qorti distrettwali jew il-qorti tal-familja li quddiemha tqajmet miżura protettiva fl-Istat Membru oriġinali.

Meta applikabbli, il-qorti li quddiemha jrid jitressaq rikors għal 0aħda tal-eżekuzzjoni:

Il-qorti distrettwali jew il-qorti tal-familja li quddiemha tqajmet miżura protettiva fl-Istat Membru oriġinali.

Artikolu 18 (b) - il-lingwa jew lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)

Id-dokumenti għandhom jitressqu fil-lingwa Griega. It-traduzzjonijiet bl-Ingliż huma aċċettati wkoll.

L-aħħar aġġornament: 23/01/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.